GUDJA

Minuti tal-ħmistax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Kunsillier: | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 14/6 (27/04/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

5. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

Attendenza:

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku informa lill-Kunsill illi s-Segretarju Esekuttiv infurmah illi l-Kunsillier is-Sur O Pace kien infurmah illi ma setax jattendi għal din il-laqgħa tal-Kunsill peress li kien qed jattendi u jieħu ħsieb lill-missieru li kien jinsab rikoverat fl-isptar.

Is-Sindku u l-Kunsilliera kollha, filwaqt li xtaqu fejqan ta' malajr lis-Sur Vincenzo Pace, missier is-Sur O Pace, qablu unanimament li l-Kunsillier O Pace għandu jiġi skużat għal din il-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 14/6 (27/04/2010)**

1.1.0 Amendi għal minuti.

1.1.1 Amenda para 4.3.1. Il-Kunsill qabel, li kif kien ġie maqbul Triq Birżebbuġa għandha tiżdied mat-toroq li għandhom jiġu mnaddfa sewwa.

1.1.2 Amenda para 2.3.2 – paragrafu erbgħa (4). Il-Kunsill qabel li Triq San Mark għandha tiżdied mat-toroq li dwarhom għandu jsir studju dwar il-ħtiġijiet tal-parking organizzat ġewwa fihom bil-għan li r-residenti tal-Gudja jkunu jistgħu jipparkjaw l-vetturi tagħhom mingħajr diffikulta żejda.

1.1.3 Amenda parag 2.3.3 (b). Il-Kunsill qabel li tinbidel il-kelma "beda" u tjżdiedu l-kliem "għandu jibda" programm ta' l-aerobics għan-nies tal-Gudja.

1.1.4 Amenda parag 1.4. Is-Sur R. Baldacchino qal u l-Kunsill qabel illi għandu jinbidel dan il-paragrafu fis-sens li huwa kien staqsa jekk ikunx hemm qliegħ mill-attivita tat-tombla waqt xi ħarġa li tkun organizzata mill-Kunsill. F'dan is-sens huwa kien qed jagħmel suġġeriment illi jekk ikun hemm qliegħ mit-tombla, dan għandu jgħaddi għand il-Kunsill.

1.2.0 Wara l-approvazzjoni unanima ta' dawn l-amendi, l-minuti tal-14/6 tal-Kunsill Lokali għall-Gudja li saret nhar it-Tlieta 27 t'April 2010 li kienu diġa ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew approvati nem con.

1.3.0 Mill-minuti. Parag 2.2.1
Is-Sinku staqsa jekk is-Sur R. Baldacchino ħassux urtat sempliċiment għax huwa (s-Sindku) kien sempliċement mar fuq il-post (Sqaq Xlejli) waqt li kienu qed jaħdmu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino wieġeb illi huwa kien ħassu urtat għaliex huwa ma kienx infurmat minn qabel li s-Sindku kien iltaqa u ftiehem mal-kuntrattur tal-bobcat dwar dan ix-xogħol.

Is-Sur Baldacchino qal li huwa kien ukoll urtat għall-mod ħażin li s-Sindku kien ħadha mal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill mingħajr, huwa (is-Sindku) ma ikkunsulta miegħu (Sur R. Baldacchino) dwar xi ilment li setgħa kellu għaliex huwa kien ikun lest li jispjega dwar il-programm ta' xogħol li kellu jiġi esegwit mill-ħaddiema għaliex dan kien jista ssir mingħajr tbatija żejda għall-ħaddiema.

F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar l-importanza li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għandhom jaħdmu bħala team u dwar l-importanza li l-ħaddiema iwettqu l-ħidma tagħhom flimkien mal-Kunsilliera kollha skond il-ħtieġa taħt id-dekasteri tagħhom u b'kordinament mas-Segretarju Esekuttiv li jinfomra lis-Sindku dwar dan skond kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra lill-ħaddiema dwar il-ħtieġa tat-twettieq tax-xogħol kif ikun assenjat lilhom u dwar il-ħtieġa ta' teamwork sabiex kull xogħol issir sewwa u mingħajr tbatija żjeda. Fin-nuqqas, il-Kunsill ikun kostrett li jieħu passi dixxiplinarji kontra kull minn ikun ifixkel fil-ħidma tal-Kunsill li jrid jaħdem fl-aħjar interess tan-nies kollha tal-Gudja.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Laqgħa mal-Perit William Lewis. Is-Sindku semma l-laqgħa li kienet saret mal-Perit Lewis illum stess ftit qabel bdiet il-laqgħa tal-Kunsill u li f'din il-laqgħa kienu preżenti il-Kunsilliera.

Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill jista jaħdem flimkien mal-Perit Lewis sabiex issir kejl ta' xogħol li diġa sar dan qabel ma jsir l-pagament finali kif ukoll dwar proġetti oħra maħsuba mill-Kunsill fosthom ħruġ ta' offerti dwar il-bankini u xogħol ta' toroq (road works) ġewwa l-Gudja.

Is-Sindku qal li l-Perit Lewis ġie mitlub sabiex jagħti parir lill-Kunsill dwar il-proġett ta' toroq taħt l-iskema ta' Public Private Partnership.

Is-Sindku fakkar ukoll illi l-Perit Lewis ġie mitlub sabiex jagħti parir tiegħu dwar id-dokumenti meħtieġa qabel ma l-Kunsill joħroġ l-offerti dwar il-bankini u xogħol t'a toroq u b'hekk il-Kunsill ikollu aktar kontrol dwar in-nefqa kfi ukoll dwar il-kwalita tax-xogħol meħtieġ għaliex dan ikun diġa maqbul speċifikament minn qabel l-kuntrattur magħżul jiġi mitlub jagħmel ix-xogħol kif meħtieġ.

2.1.2 Għażla ta' persuna li tmexxi l-Librerija G. Zammit fil-Gudja. Is-Sindku fakkar li wara li s-Sur Sandro Brincat termina l-kuntratt tiegħu sabiex ikompli fil-kors tiegħu fl-Universita, kien id-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi li ssuġerixxa lil Ms. Nathalie Zammit sabiex tmexxi temporanjament il-Librerija. Ms. Zammit qegħda tmexxi l-librerija b'mod tajjeb iżda d-Dipartiment tal-Libreriji mhux qed joħroġ l-parti tal-flus peress li ma hemmx arranġamenti mad-Diparitment dwar dan.

Il-Kunsill qabel li ssir sejħa għal-librara, fejn Ms. Zammit tista ukoll tapplika ma kandidati oħra u ssir l-għażla finali minn bord magħmul mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi u l-Kunsill Lokali Gudja.

2.1.3 Parking quddiem l-ajruport internazzjonali ta' Malta, Gudja. Is-Sindku qal li kif kien maqbul waqt il-laqgħa preċedenti l-Kunsill kiteb lit-Trasport Malta sabiex tagħti l-approvazzjoni uffiċjali ta' dan il-parking speċjalment dwar il-parti tal-parking li huwa esklużżivament għar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir pressjoni fuq Trasport Malta sabiex toħroġ l-permessi meħtieġa u b'hekk tkun hemm aktar ordni f'din il-parking area u l-interess tar-residenti tal-Gudja jiġi preservat.

2.1.4 Sinjali skontrati bojod mal-ġemb tal-Knisja jiġu sofor. Is-Sindku qal li dawn is-sinjali bojod qed joħolqu diffikulta meta jkun hemm parking fuqhom u għalhekk għnahdom jiġu mibdula f'sinjali skontrati sofor li fuqhom ma jkunx permess parking.

2.1.5 Kaxxa safra quddiem sqaq. Is-Sindku qal li persuna fi Sqaq nru 3 fi Triq R.Caruana li sfortunatament tilfet id-dawl u li s-saħħa tiegħu hija bagħtuta. Din il-persuna talbet li ssir kaxxa safra quddiem dan l-isqaq nru 2 sabiex ikun jista jitla fuq bank għad-dell speċjalment issa li qed jersqu xhur sħan u li l-bankijiet fuq in-naħħa tat-triq fejn joqgħod ikunu fix-xemx.

Il-Kunsill qabel li issr kaxxa ta' xi metru kwadru quddiem rampa faċċata ta' sqaq nru 2 Triq R. Caruana Gudja.

2.1.6 Jum il-Gudja. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu Jum il-Gudja 2010 jiġi mfakkar bejn it-12 u l-15 ta' Lulju 200 li huwa Jum il-Gudja.

Is-Sindku qal li fi żmien qasir sejra ssir laqgħa tal-Kunsill sabiex jingħata d-dettalji dwar il-programm għal din is-sena.

2.1.7 Qliegħ mit-tombla waqt il-ħarġa soċjali li saret nhar it-Tlieta 04 ta' Mejju 2010. Is-Sindku qal li l-qliegħ li sar kien ta' €81.40 li għaddew fil-kont tal-Kunsill Lokali Gudja.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu fil-pussess tiegħu l-karti tat-tombla li jistgħu jiġu verifikati.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Ground tal-football. Is-Sur Baldacchino informa lill Kunsill illi huwa flimkien mas-Segretarju Esekuttiv kien iltaqa mas-Sur Bernard Vassallo u Sur Joseph Cassar diriġenti tal-Kunsill Malti għall-iSport dwar il-formolazzjoni ta' ftehim dwar il-ħsieb li l-Kunsill Lokali Gudja jidħol fi ftehim mal-Gudja United Football Club.

Is-Sur Baldacchino qal li d-diriġenti tal-KMS qablu li l-Kunsill Lokai Gudja jibda jifformula dan il-ftehim.

Is-Sur Baldacchino qal li qiegħed fil-fażi finali li jagħmel dan l-abboz li wara li jiġi diskuss għandu jmur għand il-Gudja United Football Club sabiex jew japprovawh jew iżidu l-punti tagħhom u wara li jkun hemm draft finali dan għandu jgħaddi għall-approvazzjoni tal-KMS kif ukoll tal-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said u d-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali Mr. Martin Bugelli. B'hekk il-Kunsil Lokali Gudja filwaqt li jidħol fi ftehim fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja, ikun ukoll jinkoraġixxi l-parteċipazzjoni fl-isport u jkun ukoll jimxi skond il-proċeduri kemm dwar l-amministrazzjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll proċeduri finanzjarji fi proġetti ta' Public Private Partnership (PPP).

2.2.2 Xogħl ta' tindif. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mal-kuntrattur tal-bobcat u l-ħaddiema assenjati mal-Kunsil huwa kien mexxa u għamel xogħol ta' tindif fi Triq Ħal Safi, Triq Birżebbuġa u parti mit-Triq ta' Loretu. Is-Sur Baldacchino qal li għandu jitkompla x-xogħol fuq Triq Ħal Safi li tagħti għal Triq Ħal Far u fi Triq Birżebbuġa sal-Kappella ta' Loretu.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll li f'dan il-programm ta' xogħol hemm ukoll li fi żmien qasir tiġi mnaddfa Triq Ħal Tarxien speċjalment fuq in-naħa tal-ex sindku Angelo Agius u fl-inħawi tal-kamra tan-nar fl-istess inħawi ta' Triq Ħal Tarxien Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal f'dan il-programm ta' xogħol għandu t-tindif ta' trejqa li minn naħa ta' Triq Bir Miftuħ tagħt għal Triq l-Avjazzoni. Is-Sur Baldacchino qal li jekk din it-trejqa tiġi mnaddfa, n-nies tal-Gudja ikunu jistgħu jagħmlu l-passiġġata tagħhom b'mod sikur u mhux jgħaddu qalb il-ħafna traffiku li jgħaddi minn Dawret il-Gudja, Gudja u qrib il-mitjar internazzjonali ta' Malta fil-konfini tal-Gudja.

2.2.3 Sala għal pubbliku fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino fakkar li sa żmien ilu huwa kien qajjem ix-xewqa tal-Gudjani sabiex ikun hemm sala fl-iSkola Primarja jew ssir xi forma ta' arranġament mal-Kuria Arċiveskovili li tintuża s-sala tal-Paroċċa li ħajt tagħha jmiss mal-bitħa ta' l-iSkola Primarja.

Is-Sur Baldacchino filwaqt li faħħar ix-xogħol siewi tal-FTS qal li ġewwa l-Gudja hemm bżonn serju li l-FTS taħdem sabiex tipprovdi lil Gudja f'din is-sala meħtieġa.

Is-Sur Baldacchino qal li tista titħaffer il-bitħa u filwaqt s-saqaf ta' din is-sala jservi bħala bitħa u playing field, taħt dan is-saqaf tinbena s-sala meħtieġa għaliex il-livelli li fuqha hija mibnija l-iskola primarja tal-Gudja jippermettu sewwa għal dan it-tip ta' żvilupp mingħajr spejjeż żejda u bla ħafna diffikulta.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1 Sur Anthony Dalli

a. Servizz mill-Kunsill dwar is-Sigurta Soċjali. Is-Sur Dalli qal li riċentement żaru l-Kunsill is-Sur Mark Musu Direttur dwar is-Sigurta Soċjali u l-assistent tiegħu fejn raw il-preparazzjoni li għamel il-Kunsill Lokali Gudja għal dan l-iskop ta' servizz soċjali. Is-Sur Musu kif ukoll l-assistent tiegħu qablu li l-faċilitajiet provduti huma addattati sew għas-servizz meħtieġ.

Is-Sur Musu qabel li dan is-servizz jista jibda sa l-aħħar net f'Gunju 2010 sakemm il-MITA tagħmel il-komunikazzjoni meħtieġa dwar l-informazzjoni teknoloġija li tiffaċilita dan is-servizz.

Is-Sur Dalli qal li malli l-Kunsill ikun jaf bid-data ċerta ta' meta sejjer jibda dan is-servizz kif ukoll dwar is-servizz li sejjer jingħata l-Kunsill jibgħat ittra ċirkulari lir-residenti tal-Gudja dwar dan is-servizz. Il-Kunsill sejjer ukoll jitlob lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali sabiex jagħmel ir-reklami meħtieġa dwar dan is-servizz li għall-ewwel darba sejjer jingħata fil-Gudja għar-residenti tal-Gudja.

b. Xogħol ta' irranġar fil-kmamar t'isfel, toilet u l-kantina tal-bini tal-Kunsill. Is-Sur Dalli semma bil-ħtiġijiet għal Kunsill li jsir dan ix-xogħol speċjalment li issa sejjer ikun hemm aktar nies li jersqu lejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li malajr kemm jista jkun, iżda qabel is-16 ta' Ġunju 2010 żewġ ħaddiema tal-Kunsill jaħdmu taħt id-direzzjoni tas-Sur Dalli sabiex l-bitħa tiġi żbarazzata sewwa u taħt it-taraġ jiġi rranġat u t-toilet t'isfel jiġi irranġat sewwa u jinżamm nadif.

Il-kantina li għandha tiġi provduta bis-servizz ta' dawl xieraq għandha tiġi mnaddfa sewwa u jinfetħu t-twieqi li jagħtu fuq it-triq sabiex tiġi ventilata u fiha jkun jista jidħlu oġġetti li jinsabu fil-bitħa.

c. Ċentru ta' taħriġ. Is-Sur Dalli qal li l-Onor Mr. Mario Galea irċieva l-ittra tal-Kunsill dwar il-ħtieġa ta' Care Workers u Assistenza oħra. Il-Kunsill qed jistenna bil-ħerqa x'tip ta' għajnuna li sejjer jingħata sabiex ikun jista jibda jilqa uffiċjalment l-applikazzjonijiet mingħand l-Anzjani tal-Gudja li jkunu jixtiequ jipparteċipaw f'dan iċ-ċentru.

d. Taħriġ tal-Ganutell u knitting miċ-ċentru ta' taħriġ. Is-Sur Dalli qal li jekk ikun hemm 10 persuni li jirreġistraw għal dawn il-korsijiet dawn

ikunu jistgħu jibdew fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra sabiex min ikun jixtieq ikun jista' jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa fil-Kunsill.

e. Sleeping policeman fis-service road fi Vjal it-Torri Gudja. Is-Sur Dalli qal li kienu qed jaslulu ħafna ilment dwar sewqan sfrenat f'din is-service road. Il-Kunsill qabel li s-sindku jkejjel żewġ biċċiet ta' sleeping policeman u wara l jiġu ordnati kif meħtieġ ikunu jistgħu jitwaħħlu f'din is-service road mingħajr ma jikkawżaw inkonvenjent lir-residenti ta' din is-service road.

f. Għotien xierqa fuq ix-xelters ġewwa l-Gudja. Is-Sur Dalli qal li peress li l-Kunsill għadu ma ħax deċiżjoni dwar li hemm xelters sejrin jintużaw speċjalment f'dawk ix-xelters li jinsabu madwar il-Pjazza, il-Kunsill għandu jara li jagħlaq dawn ix-xelters bi blajjet tal-concrete jew xi forma oħra li joħolqu siġil li ma jħallux kemm rieħa kif ukoll nsetti joħroġu minn dawn ix-xelters. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li sa laqgħa li jmiss tal-Kunsill, is-Sindku għandu jirraporta lill-Kunsill dwar il-possibilta ta' għotien ta' stainless steel u ħġieg oħxon li fuqu jistgħu jimxu n-nies bla periklu bl-ispiża relattiva dwar dan.

Il-Kunsill ikun jista jara n-nefqa u l-utilita relattiva speċjalment mill-punto di vista tal-programm tal-Kunsill li jagħmel il-Gudja post turistiku u jiddeċiedi kif ikun xieraq.

g. Mepa Permit 01636/09. Is-Sur Dalli fakkar lill-Kunsill dwar il-pettizjoni li saret mir-residenti ta' din it-triq u qal li l-periklu għadu hemm u jeħtieġ li l-MEPA u Trasport Malta jieħdu passi sabiex jiġi eliminat il-periklu u r-residenti jkunu jistgħu iserħu rashom li ma jiffaċjaw xi inċident fatali kemm għar-residenti kif ukoll għal min juża din it-triq. Il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi dan kemm mal-MEPA kif ukoll ma awtoritajiet oħra konċernati sabiex kull periklu eżistenti jiġi eliminat kemm jista' jkun malajr.

2.3.3 Sur Mark Anthony Sammut

a. Attivitajiet ta' l-isport flimkien mal-KMS. Is-Sur Sammut qal l l-programm ta' After School ġie fit-tmiemu u saret preżentazzjoni taċ-ċertifikati minn Dr. Chris Said u mis-Sur Clyde Puli. Is-Sur Sammut qal li xtaq jirringrazzja lis-Sindku, lill-kunsilliera kollha u lis-Surmast ta' l-iSkola Primarja u lil kull min ħadem għas-suċċess ta' dan il-programm After School kif ukoll lil parteċipanti kollha għax dan jagħmel suċċess u jawgura li programmi oħra simili ikollhom aktar suċċess għal ġid tat-tfal tal-Gudja

b. Fun Run u ġbir ta' foni b'risq il-Knisja Arċimatriċi fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li kien ġie avviċinat mill-organizzaturi ta' din l-attivita li hija ppjanata għal waqt iż-żmien ta' l-attivita ta' Jum il-Gudja u Festa Sajfija 2010. Sehem il-Kunsill huwa li jagħlaq it-toroq u joffri sigurta billi iħallas il-pulizija. Saret diskussjoni peress li l-Kunsill kien diġa fi preparazzjoni li għal dawn il-ġranet jagħmel Fun Run b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares.

Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli l-Parroċċa torganizza din l-attivita f'data oħra u l-Kunsill jgħin kif meħtieġ bħala ma' jagħmel drabi oħra.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ra r-rapport dwar l-ilmenti kif ippreżentat u qabel li jittieħdu dawk il-passi meħtieġa sabiex kemm jista ikun kull ilment jiġi kunsidrat malajr u segwit kif jixraq.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu f'dan il-perjodu minn dik l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tas-27 t'April 2010 u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijiet meħtieġa skond kif inkun il-każ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċevejna f'dan il-perjodu minn dik il-laqgħa tas-27 t'April 2010 u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijiet meħtieġa skond kif ikun meħtieġ.

3.3.2 Il-Kunsill reġa konferma l-importanza li kull kunsillier qed jirċievi l-memos tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qabel li kull informazzjoni mitluba u azzjoni meħtieġa tiġi proċessata kemm jista' jkun malajr u fi żmien stipulat.

**4.0 Finanzi**

4.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €92.72 għax-xahar ta' April 2010 kif preżentata lill-Kunsill

4.2.0 Skeda ta' pagamenti.

4.2.1 Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €24983.45 għax-xahar ta' April 2010 u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

4.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

4.3.1 Sistema ta' dawl fil-kantina tal-Kunsill kif ukoll sistema ta' sigurta (intercom) fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinkisbu l-kwotazzjonijiet dwar dan ix-xoghol sa massimu ta' €1000.00

4.3.2 Laqgħa 15 ta' Ġunju 2010. Il-Kunsill qabel li jħallas s-somma ta' €25.00 sabiex is-Sur Dalli jattendi għal 'First National Conference on Elder Abuse'.

4.3.3 Xogħlijiet approvati. Il-Kunsill qabel li japprova x-xiri u pagamenti għal xogħlijiet u materjal meħtieġ kif approvati waqt din il-laqgħa tal-Kunsill Lokali għallGudja.

**5.0 Għeluq tal-laqgħa**

5.1 Bankina fi Triq Ħal Safi. Is-Sur Dalli qal li hemm bżonn li ssir bankina fi Triq Ħal Safi minn fejn tispiċċa Triq il-Kbira sal-kantuniera ta' Triq Ħal Resqun. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa u wara jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur tal-bankini li sejjer ikun appuntat wara sejħa għall-offerit dwar xogħlijiet tal-bankini ġewwa l-Gudja.

5.2 Parti minn Triq Ħal Safi issir one-way. Is-Sur Dalli qal li parti minn Triq Ħal Safi għandha tiġi mnaddfa u minnha jsir il-ħruġ għal fuq it-triq maġġura għal Ħal Far filwaqt id-dħul għal Triq Ħal Safi tiġi restritta minn naħa eżistenti fejn fil-preżenti issir kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li titnaddaf l-parit ta' Triq Ħal Safi (qadima) u ssir applikazzjoni mat-Trasport Malta dwar is-sistema tad-dħul u dak tal-ħruġ mtit-triq Ħal Far għat-Triq Ħal Safi.

5.3 Ħarġiet għar-residenti tal-Gudja. Is-Sur Sammut qal li huwa sewwa li l-Kunsill joħroġ sussidju sewwa għar-residenti tal-Gudja iżda huwa ukoll imporatnti li jiġi assigurat li dawk li għal xi raġuni jew oħra jattendu għal dawn il-ħarġiet iżda ma jkunux residenti fil-Gudja iħallsu l-prezz kollu u mhux dak issussidjat. Il-Kunsill qabel li jagħmel aktar kontrol dwar dan.

5.4 Bżonn ta' warden fi Triq F. Castagna. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li jkun hemm warden speċjalment waqt il-ħruġ tat-tfal ta' l-iskola St. Joan Antide sabiex ikun hemm aktar ordni u sigurta kemm għat-tfal kif ukoll għal min ikun irid joħroġ il-vettur tiegħu mill-garaxx. Is-Sur Baldacchino qal li qed jiġri li r-residenti jsibu l-garaxx tagħhom imblukkat b'inkonvenjent kbir għalihom.

Is-Sindku wieġeb li huwa sejjer jitlob lill-Authorised Officer Sur David Soler sabiex jassenja l-warden waqt il-ħin tal-ħruġ ta' l-iskola. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien diġa talab li l-warden ikun qrib il-MUSEUM sabiex anke hawn it-tfal jitħarsu mir-riskju li jintlaqgħu minn xi vettura speċjalment meta jkun ħerġin.

5.5 Xogħol ta' ħadid madwar il-monument ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel li jiġi konsiderat il-ħtieġa ta' dan wara li jiġi preżentat bi pjanta ta' disinn xieraq u bil-possibilita li jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill skond il-kapaċita tagħhom f'dan ix-xogħol.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku